Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Diċembru 2008

dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7637)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/934/KE)

(ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/455/UE tat-13 ta' Awwissu 2010	L 216	19	17.8.2010
►**M2**	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/87/UE tat-3 ta' Diċembru 2010	L 318	32	4.12.2010
►**M3**	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/89/UE tas-6 ta' Diċembru 2010	L 320	3	7.12.2010
►**M4**	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/90/UE tas-7 ta' Diċembru 2010	L 322	38	8.12.2010
►**M5**	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/91/UE tal-10 ta' Diċembru 2010	L 327	40	11.12.2010
►**M6**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/2/UE tas-7 ta' Jannar 2011	L 5	7	8.1.2011
►**M7**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/4/UE tal-20 ta' Jannar 2011	L 18	30	21.1.2011
►**M8**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/5/UE tal-20 ta' Jannar 2011	L 18	34	21.1.2011
►**M9**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/9/UE tal-1 ta' Frar 2011	L 28	36	2.2.2011
►**M10**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/19/UE tat-2 ta' Marzu 2011	L 58	41	3.3.2011
►**M11**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/20/UE tat-2 ta' Marzu 2011	L 58	45	3.3.2011
►**M12**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/21/UE tat-2 ta' Marzu 2011	L 58	49	3.3.2011
►**M13**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/25/UE tat-3 ta' Marzu 2011	L 59	32	4.3.2011
►**M14**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/26/UE tat-3 ta' Marzu 2011	L 59	37	4.3.2011
►**M15**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/27/UE tal-4 ta' Marzu 2011	L 60	12	5.3.2011
►**M16**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/29/UE tas-7 ta' Marzu 2011	L 61	9	8.3.2011
►**M17**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/30/UE tas-7 ta' Marzu 2011	L 61	14	8.3.2011
►**M18**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/32/UE tat-8 ta' Marzu 2011	L 62	19	9.3.2011
►**M19**	Direttiva tal-Kummissjoni 2011/34/UE tat-8 ta' Marzu 2011	L 62	27	9.3.2011
►**M20**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/39/UE tal-11 ta' April 2011	L 97	30	12.4.2011
►**M21**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/40/UE tal-11 ta' April 2011	L 97	34	12.4.2011
►**M22**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/41/UE tal-11 ta' April 2011	L 97	38	12.4.2011
►**M23**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/42/UE tal-11 ta' April 2011	L 97	42	12.4.2011

►**M24**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/45/UE tat-13 ta' April 2011	L 100	47	14.4.2011
►**M25**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/46/UE tal-14 ta' April 2011	L 101	20	15.4.2011
►**M26**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/49/UE tat-18 ta' April 2011	L 103	109	19.4.2011
►**M27**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/50/UE tad-19 ta' April 2011	L 104	41	20.4.2011
►**M28**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/52/UE tal-20 ta' April 2011	L 105	19	21.4.2011
►**M29**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/53/UE tal-20 ta' April 2011	L 105	24	21.4.2011
►**M30**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/54/UE tal-20 ta' April 2011	L 105	28	21.4.2011
►**M31**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/55/UE tas-26 ta' April 2011	L 106	5	27.4.2011
►**M32**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/56/UE tas-27 ta' April 2011	L 108	30	28.4.2011
►**M33**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/57/UE tas-27 ta' April 2011	L 108	34	28.4.2011
►**M34**	Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/60/UE tat-23 ta' Mejju 2011	L 136	58	24.5.2011

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Diċembru 2008

dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7637)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/934/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari r-raba' sottoparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li Stat Membru, matul perjodu ta' 12-il sena wara n-notifika ta' dik id-Direttiva, jista' jawtorizza t-tqegħid fis-suq fit-territorju tiegħu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi li ma jkunux jinsabu fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u li jkunu diġà fis-suq sentejn wara n-notifika, waqt li dawk is-sustanzi jkunu qed jiġu investigati gradwalment fil-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 ([2]) u (KE) Nru 1490/2002 ([3]) jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi għall-valutazzjoni, bil-għan li jiġu possibbilment inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Dik il-lista tinkludi s-sustanzi attivi nnumerati fl-Anness għal din id-Direttiva.

(3) Fi żmien xahrejn mill-wasla tal-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni, in-notifikaturi kkonċernati rtirtaw volontarjament l-appoġġ tal-inklużjoni ta' dawk is-sustanzi, skont l-Artikolu 11e tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002.

(4) Il-Kummissjoni eżaminat l-abbozzi tar-rapporti ta' valutazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri relaturi u l-kummenti tal-Istati Membri l-oħra u waslet għall-konklużjoni li l-Artikoli 11b u 11f ma japplikawx. Konsegwentement, japplika l-Artikolu 11.

(5) Għalhekk, is-sustanzi attivi fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.
([3]) ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.

▼B

(6) Billi n-noninklużjoni ta' dawn is-sustanzi mhix ibbażata fuq il-preżenza ta' indikazzjonijiet ċari ta' effetti dannużi kif stipulat fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jżommu l-awtorizzazzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2010, skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002.

(7) Kwalunkwe perjodu ta' konċessjoni mogħti minn Stat Membru għar-rimi, il-ħżin, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanzi elenkati, għandu jiġi limitat għal perjodu ta' 12-il xahar biex il-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw f'mhux aktar minn staġun ta' tkabbir wieħed ieħor.

(8) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għat-tressiq ta' applikazzjoni ġdida skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha ([1]), skont il-proċedura aċċellerata stipulata fl-Artikoli 13 sa 22 ta' dak ir-Regolament.

(9) Dik il-proċedura tippermetti li n-notifikaturi li s-sustanza tagħhom ma ġietx inkluża minħabba li ġiet irtirata, jagħmlu applikazzjoni ġdida billi jibagħtu biss id-dejta addizzjonali meħtieġa għall-indirizzar tal-kwistjonijiet speċifiċi li wasslu għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tan-noninklużjoni. In-notifikatur irċieva l-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni li jidentifika dik id-dejta.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sustanzi fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx jiġu inklużi bħala sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom sustanza waħda jew iktar minn dawk fl-Anness.

([1]) ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

▼M1

Madankollu, l-aħħar data li fiha l-Istati Membri jistgħu jirtiraw dawn l-awtorizzazzjonijiet għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2011 f'każ li applikazzjoni jkun ġie mressaq skont il-proċedura mħaffa stipulata fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

▼B

Artikolu 3

Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti minn Stati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE għandu jiskadi mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

▼M1

B'danakollu, kull perijodu ta' konċessjoni jiskadi l-iżjed tard fil-31 ta' Diċembru 2012 fejn tkun tressqet applikazzjoni skont il-proċedura mħaffa stipulata fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

▼B

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS

Lista ta' sustanzi attivi msemmija fl-Artikolu 1

	Sustanza Attiva	Abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni mgħoddi lin-notifikatur fi
	Acetochlor	fl-14 ta' Diċembru 2005.
	Acrinathrin	fit-8 ta' Ottubru 2007.
	Asulam	fit-28 ta' Lulju 2006.
	Bitertanol	fit-23 ta' Marzu 2006.
▼M13	_____	
▼M27	_____	
▼M28	_____	
▼B	Chloropicrin	fid-19 ta' April 2006.
▼M12	_____	
▼M7	_____	
▼M32	_____	
▼M29	_____	
▼M24	_____	
▼M14	_____	
▼M22	_____	
▼M9	_____	
▼B	Ethalfluralin	fl-4 ta' Ottubru 2007.

▼B

	Sustanza Attiva	Abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni mgħoddi lin-notifikatur fi
▼M16	_____	
▼M20	_____	
▼M2	_____	
▼M17	_____	
▼M11	_____	
▼B	Fluazifop-P	fl-10 ta' Settembru 2007.
	Flufenoxuron	fit-8 ta' Novembru 2007.
▼M33	_____	
▼B	Fluquinconazole	fit-22 ta' Diċembru 2005.
▼M19	_____	
▼M23	_____	
▼B	Guazatine	fit-8 ta' Novembru 2007.
▼M25	_____	
▼M8	_____	
▼M18	_____	
▼M30	_____	
▼M5	_____	
▼M6	_____	
▼M15	_____	
▼B	Oxyfluorfen	fl-4 ta' Ottubru 2007.

▼B

	Sustanza Attiva	Abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni mgħoddi lin-notifikatur fi
▼M31	_____	
▼M26	_____	
▼B	Prochloraz	fit-18 ta' Ġunju 2007.
	Propargite	fit-8 ta' Ottubru 2007.
▼M4	_____	
▼M3	_____	
▼M21	_____	
▼M10	_____	
▼M34	_____	
▼B	Tefluthrin	fl-4 ta' Mejju 2007.
	Terbuthylazine	fit-8 ta' Ottubru 2007.
	Thiobencarb	fil-21 ta' Lulju 2006.